MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Numru 870/2014

**Pulizija**

**Spettur Fabian Fleri**

**Spettur Kevin Pulis**

**Vs**

**Roberta Schembri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Roberta Schembri ta' 36 sena, bint Vincent Micallef u Catherine nee' Bezzina, mwielda Pieta' fil-31 ta' Ottubru 1977, residenti 25, Redempteur, Triq Nardu Sacco, Zurrieq, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-numru 583077M;

Talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiskru l-istess disposizzjoni tal-ligi u liema atti gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1) Talli fl-4 ta' Gunju 2014 minn gewwa l-iskola primarja C li tinsab l-Imqabba ikkommettiet serq ta' mowbajl tal-marka LG Nexus 4 li jiswa €420 ghad-dannu ta' Marcon Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna;

2) Talli nhar il-21 ta' Mejju 2014 gewwa Pjazza tal-Knisja, Mqabba, volontarjament hasret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe ghamlet hsara f'vettur numru LCT 896 tal-ghamla Kia Rio, liema hsara huma ta' aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Marcon Attard;

3) Talli fix-xhur ta' Gunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2014 gewwa dawn il-gzejjer, gabet ruhha b' tali mod li kkaggunat lil haddiehor biza li ser tintuza vjolenza, meta hi kienet taf jew missha kienet taf li b'tali mgieba ser tikkaguna lil haddiehor biza;

4) Talli fl-istess perjodu tat fastidju lil persuna ohra b'mod li kienet taf jew missha kienet taf li b't ali mgieba kienet ser tikkaguna fastidju fuq haddiehor;

5) Talli fl-istess perjodu, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Marcon Attard u l-familjari taghha weggghathom bi kliem b' gesti u b' kitba, b' disinji jew b' xi mod iehor;

6) Talli fl-istess perjodu bghatet bil-posta oggetti postal u cioe' ittri li kienu b' xi mod jheddu, kienu offensive u libelluzi;

7) Aktar talli fl-istess perjodu ghamlte uzu minn xi servizz inkluz il-garr ta' oggett postal provdut minn xi operator postali bhal rizultat ta' dang hamlet hsara jew ikkagunat biza' jew inkella setghet taghti lok ghal xi hsara jew biza';

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar istadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha

zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputata giet mwissija solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-oggett misruq gie ritornat lid-derubata;

Rat illi l-hsara sofferta mill-parte civile giet mhallsa ghas-saldu;

Rat ukoll li l-partijiet ma kellhom ebda pretensjoni ohra pendenti bejniethom;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar piena;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261(c)(d), 267, 268(d), 325(1)(b), 251B, 251A, 252(1) tal-Kap 9 u Art 47 (2)(d) u 62(4) tal-Kap 254 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni favur Marcon Attard ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 412C tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------